MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' April, 2011

Numru. 543/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**
**KONTRA**

**GIONATA BRUNO**
**VALERIA PUGLIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Gionata Bruno, bin Pasquale u Adele nee' Coco, mwieled Italja fil- 25 ta' Lulju 1984, residenti La Vallette Hotel, San Giljan u detentur tad- dokument Taljan bin- numru AR 0560219;
U

Valeria Puglia, bint Alfio u Antonina nee' Imbiscuso, mwielda fl- Italja fit- 8 ta' Gunju 1986, residenti La Vallette Hotel San Giljan u detentrici ta' dokument TAljan AR 0560319;

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar id- 19 ta' April 2011 f' hinijiet diversi f' dawn il-Gzejjer;

1) xjentement ghamlu uzu ta' marka, sinjal, tabell jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setghet tgharraq lix- xerrej dwar ix- xorta tal- merkanzija, jew bieghu merkanzija b' din il- marka, sinjal jew emblema;

2) u aktar talli fl- istess zmien u cirkostanzi, xjentement qieghdu fic- cirkolazzjoni, bieghu jew zammew ghandhom ghall- bejgh jew importaw ghall- hsieb ta' kummerc, merkanzija b' marka, sinjal, jew emblema imxebbhin x' qerq;

3) u aktar talli b' mezzi kontra l- Ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b' qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b' ohra sabiex igieghlu titwemmen l- ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' kreiditi immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' aktar minn €2,329.37 bi hsara ta' Vascas Jewellery, Valletta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-

Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi serji li ggib maghha din l-istess ammissjoni taghhom.

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9, bl-ammissjoni tal-imputati din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati rregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, u ghaldaqstant dawn jirrisultaw soddisfacentement ippruvati ghall-Qorti, minghajr il-htiega li jinstemghu l-provi kollha.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

L-imputati, ta' nazzjonalita' taljana, gew Malta biex ibieghu oggetti allegatament prezzjuzi, sabiex b'hekk jaghmlu qligh b'qerq. Di fatti huma sabu agent tad-deheb u bieghu dak li huma sejhu deheb abjad, meta fil-fatt l-oggetti kienu maghmulin minn "stainless steel". Huma ammettew mal-ewwel li kienu qed jaghmlu hekk b'mod illecitu, u sa ma lahqu mexxew kontrihom il-Pulizija, l-imputati lahqu hallsu lura l-ammont ta' flus iffrodat mill-agent f'Malta.

In vista ta' dawn ir-ragunijiet, il-Qorti ser taghti piena ta' prigunerija li, izda, m'hix ser tiddahhal fis-sehh sakemm ma jaghmlux reat iehor fiz-zmien li sejra tinzamm sospiza. L-anqas hemm il-htiega ta' ordni ghall-hlas, peress illi l-ammont gia' thallas kif spjegat aktar 'il fuq.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 298 (1) (c), 298 (1) (f), 308, 309 u 310 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna l-konfiska tal- oggetti esebiti.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------